**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Magistrat**

**Dr Rachel Montebello B.A. LL.D.**

**Rikors Nru.: 252/2017 RM**

**Carmelo sive Charles Bianco u Western Company Limited (C19994)**

**vs**

**Jeremy James Camilleri**

**Illum, 28 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors prezentat mill-atturi fl-4 ta' Settembru, 2017 fejn talbu lil din il-Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallashom is-somma ta' sitt elef tliet mija u tlieta u sebghin Ewro (€6,373) rapprezentanti prezz ta' vettura Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni WLD 323 mibjugha u kkkonsenjata lilu.

Bl-ispejjez, inkluz dawk ta' ittra ufficjali pprezentata precedentement u mandat ta' sekwestru pprezentat kontestwalment, u l-imghax mis-6 ta' Awissu 2003 meta sar il-bejgh il-kwistjoni sad-data tal-pagament effettiv u l-konvenut ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut pprezentata fir-registru ta' din l-Qoriti nhar is-6 ta' Ottubru, 2017 fejn eccepixxa is-segwenti:-

1. Illi t-talba attrici fir-rikors promotur rappresentanti l-prezz tal-vettura Mazda 323F bin-numru ta registrazzjoi WLD-325 hija preskritta bil-ligi ai termini tal-artikolu 2148(b) tal kap 16 tal ligijiet ta Malta.
2. Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi jekk ikun il-kaz.

Rat illi b'digriet ta' assenjazzjoni moghti mis-STO il-Prim'Imhallef, din il-kawza giet assenjata lill-Qorti kif preseduta b'effett mis-16 ta' Lulju 2018;

Rat il-verbal moghti fl-udjenza tal-15 ta' Novembru 2017 fejn in vista tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, ordnat l-inverzjoni tal-provi;

Rat il-provi u d-dokumenti kollha esebiti in atti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2019 il-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx iktar provi x'iressqu dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni;

Semghet it-trattazzjoni dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni u rat illi giet awtorizzata mill-partijiet tghaddi ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni[1];

Rat illi l-kawza giet imhollija ghal-lum ghas-sentenza dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Ikkunsidrat;

[1] Udjenza tat-30 ta' Jannar 2019.

Il-konvenut, permezz tal-ewwel u l-uniku eccezzjoni tieghu, jeccepixxi illi t-talba attrici ghall-hlas tal-prezz tal-vettura mibjugha lilu, hija preskritta a tenur tal-Artikolu 2148(b) tal-Kodici Civili.

Dan l-Artikolu jistipola illi:-

**2148** *L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' tmintax-il xahar:*
...
*(b) l-azzjonijiet ta' kredituri għall-prezz ta' merkanzija, oġġetti jew ħwejjeġ oħra mobbli, mibjugħa bl-imnut;*

Illi mill-fatti li johorogu mill-atti tal-kawza s'issa, jirrizulta s-segwenti:-

L-attur biegh lill-konvenut vettura Mazda 323 F bin-numru ta' registrazzjoni WLD-323 permezz ta' skrittura li jidher li giet iffirmata 6 ta' Awwissu 2003 (Dok. CSH1 esebit mill-konvenut). Minn dan id-dokument jirrizulta illi l-prezz tal-bejgh tal-vettura kienet fis-somma, dak iz-zmien, ta' Lm2,000 u li l-konvenut hallas depozitu fis-somma ta' Lm300 akkont tal-prezz, bil-bilanc tal-prezz ikun pagabbli f'rati mensili ta' Lm50. Fost kundizzjonijiet ohrajn, jirrizulta illi l-konvenut xerrej accetta wkoll li jingibdu numru ta' kambjali ghall-ordni tal-attur, kull wahda fis-somma ta' Lm50, in linea ta' hlas tal-bilanc tal-prezz tal-vettura. Ghalkemm giet esebita skrittura ohra datata 6 ta' Awwissu 2000 (esebita mill-konvenut bhala Dok. CSH1) ffirmata mill-istess partijiet u b'referenza ghall-bejgh tal-istess vettura Mazda 323 bin-numru ta' registrazzjoni WLD-323, huwa evidenti illi l-indikazzjoni tas-sena 2000 hija zbaljata ghaliex anke l-kambjali esebiti mill-attur (Dok, CSH7 a fol 38 et seq.) li jidher li ingibdu riferibbilment ghan-negozju mertu tal-iskrittura tas-6 ta' Awwissu 2003, jirreferu ghax-xahar ta' Settembru 2003 'l quddiem. F'kull kaz, il-konvenut jinsisti li huwa ma kienx iffirma l-ftehim datat tas-6 ta' Awwissu 2000 u ghalkemm tidher il-firma tieghu fuqu, jichad illi dik il-firma hija tieghu.

Ikkunsidrat;

Il-verzjoni tal-konvenut hija li l-vettura li xtara minghand l-attur kellha xi difetti fiha izda l-attur accetta li jirranga dawn id-difetti qabel il-pussess tal-vettura jghaddi ghandu. Il-konvenut jghid illi effettivament, huwa ha l-pussess tal-vettura xi sentejn wara li gie ffirmat il-ftehim tal-bejgh, izda wara ftit granet biss, din regghet zviluppat id-difetti u ghalkemm l-attur ghamel it-tiswijiet necessarji, dawn id-difetti baqghu jitfaccaw kull tant zmien sakemm il-konvenut qal li ma setax ikompli jaghmel uzu mill-vettura. Il-konvenut jistqarr ukoll illi ghalkemm kien lahaq hallas uhud mill-kambjali, huwa gharraf lill-attur illi ma kienx sejjer ikompli jhallas il-bilanc tal-prezz sakemm il-hsarat jissewwew, u fil-fatt waqaf ihallas.

L-attur Charles Bianco, ghalkemm ma jichadx il-verzjoni tal-konvenut, jghid illi huwa kien ikkomunika diversi drabi mal-konvenut biex ihallas il-bilanc dovut fuq il-prezz tal-bejgh tal-vettura u kien gie mgharraf mill-avukat tal-konvenut li l-bilanc dovut fuq il-prezz ma kienx ser jithallas ghaliex kien hemm diversi tiswijiet u spejjez x'isiru fil-vettura. L-attur jghid li huwa kien offra li jibdel il-windscreen tal-vettura a spejjez tieghu. Qal ukoll illi l-konvenut fetah kawza kontrih biex jithallas l-ispejjez ghat-tiswija tad-difetti riskontrati fil-karozza, u illi l-istess konvenut qallu li jkun lest ihallas il-bilanc tal-prezz galadarba tigi deciza l-kawza li kien intavola kontra l-attur. Il-konvenut da parti tieghu jichad illi huwa qatt accetta li jhallas skont l-ezitu tal-kawza li intavola kontra l-attur.

Ikkunsidrat;

Mill-ftehim Dok. CSH datat 6 ta' Awwissu 2003, jirrizulta illi l-partijiet qablu fuq is-segwenti kundizzjonijiet ulterjuri li kellhom jirregolaw il-bejgh tal-vettura WLD-323 lill-konvenut:-

"*3. Sakemm il-bilanc ta' Lm1700 flimkien mal-imghax dovut jigu skuntati kollha, il-bejjiegh izomm id-dritt li:-*

*(i) Il-vettura tibqa' proprjeta` assoluta tal-bejjiegh;*
*(ii) Ix-xerrej ma jistax jiddisponi, jibdel jew jaqla' ebda parti mill-vettura;*
*(iii) Il-vettura tibqa' registrata mal-awtorita` tat-traffiku f'isem il-proprjetarju.*
*…*

*4. Jekk ix-xerrej jonqos li jhallas parti jew l-ammont shih minn wiehed mill-pagamenti, il-bejjiegh izomm id-dritt li:-*

*(i) Jitlob il-bilanc dovut fuq il-vettura.*
*(ii) Jiehu l-pussess tal-vettura minghand ix-xerrej minghajr ebda oggezzjoni….."*

Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghal Dok. CSH2 esebit mill-konvenut, li huwa *notice of transfer* iffirmat miz-zewg partijiet in konnessjoni mal-vettura WLD-323, liema dokument jafferma illi l-vettura giet akkwistata mill-konvenut fuq *hire purchase terms* u, minkejja dak stipolat fil-klawsola 3(iii) tal-iskrittura fuq citata, jafferma wkoll illi l-partijiet qablu li l-konvenut ma jkunx jista' jittrasferixxi l-vettura lil terzi minghajr il-kunsens tal-bejjiegh, ossia l-attur odjern.

Il-Qorti b'referenza ghall-gurisprudenza assodata tal-qrati in materja ta' bejgh *pactum cum riserva dominii*, tqis illi f'dan il-kaz billi jirrizulta espressament u inekwivokalment illi l-prezz tal-vettura kellu jithallas ratealment kif ukoll illi l-partijiet ftiemu illi l-proprjeta` tal-vettura kellha tibqa' tal-bejjiegh sakemm jithallas il-prezz kollu[2], il-ftehim kien proprju wiehed ta' xiri u bejgh b'rizerva tad-dominju fuq l-oggett cioe` l-vettura mibjugha lill-konvenut. Dan ghaliex il-bejgh gie manifestament subordinat ghall-kondizzjoni tal-hlas totali tal-prezz b'dan li sakemm jithallsu r-rati kollha tal-prezz miftiehem, il-proprjeta` tal-vettura kellha tibqa' ghand il-venditur.

[2] **A. Abela nomine vs M. Attard et** deciza mill-Prim'Awla fit-12 ta' Frar 1957 (Volum XLI.ii.896); u **Victor Soler nominee vs Josephine Pace et**, deciza mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 1999.

Ikkunsidrat;

Il-materja tal-preskrizzjoni ta' azzjoni ghall-hlas tal-prezz ta' vettura mibjugha bil-patt tar-rizerva tad-dominju, giet trattata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sentenza taghha tal-24 ta' Ottubru 1964[3] fejn qalet hekk:-

"*Li l-konvenut eccepixxa l-preskrizzjoni tal-azzjoni in bazi ghall-artikolu 2253*[4] *tal-Kodici Civili, igifieri dik rigwardanti l-azzjonijiet tal-kreditur ghall-prezz tal-merkanzija, oggetti jew hwejjeg ohra mobbli mibjugha bl-imnut. Dana jfisser li biex tapplika dina l-preskrizzjoni huwa mehtieg li l-vendita tkun ipperfezzjonat ruhha, anke jekk il-prezz ma jkunx thallas.*"

F'dak il-kaz, bhal fil-kaz odjern, il-ftehim ta' bejgh kien sar b'rizerva espressa tad-dominju tal-haga a favur il-bejjiegh sakemm jithallas il-prezz shih, u l-Qorti fissret illi galadarba mhuwiex koncepibbli li x-xerrej isir il-proprjetarju assolut tal-oggett qabel jithallas il-prezz shih ghaliex sadanittant il-proprjeta` tal-oggett mibjugh tibqa' rizervata favur il-venditur, ma jista' jkun hemm ebda "bejgh" ghall-fini kontemplat mil-ligi f'dak li llum huwa l-Artikolu 2148(a), u dan sakemm tavvera ruhha l-kondizzjoni tal-hlas totali tal-prezz miftiehem.

Dan l-insenjament gie applikat mill-qrati taghna sa recentement, u l-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha **Montebello Enterprises Limited vs Paolo Soldi et**[5], qalet hekk in propositu:-

*"16. Il-ġurisprudenza tgħallem li n-natura intrinsika ta' hire purchase agreement fiħ żewġ stadji ben distinti. Is-sid ta' l-oġġett jittrasferixxi lill-kerrej l-użu u l-pussess ta' l-oġġett għall-kirja speċifika, b'dan li l-proprjeta` ta' l-oġġett ma tgħaddix għand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid ta' l-oġġett u l-proprjeta` tiegħu ma tgħaddix lill-venditur sakemm il-prezz tiegħu ma jkunx ġie saldat.*"

[3] **Carmelo Cremona noe vs Salvatore Farrugia.**
[4] Illum Artikolu 2148(b).
[5] Deciza 18 ta' April 2017 (App. Inf.)

F'din is-sentenza appena citata, il-Qorti tal-Appell, wara li qieset li l-karozza li taghha ntalab il-hlas tal-bilanc tal-prezz, kienet inxtrat bil-patt li x-xerrejja kellhom ihallsu l-prezz f'rati mensili kif ukoll bil-patt li t-trasferiment tal-proprjeta` isehh biss meta jithallas il-prezz kollu miftiehem, irriteniet li l-azzjoni ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz ma jghoddx ghaliha z-zmien preskrittiv imsemmi fl-Artikolu 2148(b), ghaliex billi l-prezz kien ghadu ma thallasx kollu, ma kienx ghad hemm "bejgh".

Il-Qorti qalet ukoll illi f'dak il-kaz, billi l-ftehim milhuq bejn il-partijiet dwar in-negozju tal-bejgh, sar bil-miktub permezz ta' skrittura, il-preskrizzjoni applikabbli ma setghetx tkun dik eccepita taht l-Artikolu 2148(b). Effettivament, gie diversi drabi rikonoxxut mill-qrati taghna illi f'kaz ta' kreditu naxxenti minn skrittura, il-preskrizzjoni applikabbli hija dik ta' hames snin, u in propositu, fis-sentenza fl-ismijiet **Aronne sive Ronnie Barbara vs Andrew Schembri**[6], il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, wara li qieset illi ghall-azzjoni ghall-hlas ta' prezz ta' bejgh b'rizerva tad-dominju, mhijiex applikabbli l-preskrizzjoni mahsuba fl-Artikolu 2148(b), qalet hekk:-

"*... u dan aktar u aktar meta fl-okkażjoni tal-imsemmi negozju tkun saret kitba biex tixhed il-ftehim. L-eżistenza ta' dik il-kitba tnissel, jekk xejn, żmien preskrittiv ieħor minn dak li jgħodd għalih l-artikolu li fuqu l-imħarrek isejjes din l-eċċezzjoni;*"

Dan premess, din il-Qorti tqis illi l-preskrizzjoni eccepita mill-konvenut fil-kawza odjerna, m'hijiex opponibbli ghall-azzjoni attrici li kjarament titratta dwar bejgh bir-rizerva tad-dominju fuq l-oggett fejn fuq kollox, il-ftehim gie inkorporat fi skrittura *ad hoc*. Il-Qorti zzid illi ghalkemm huwa evidenti li l-azzjoni attrici mhijiex l-*actio cambiaria* kontemplata mill-Kodici tal-Kummerc, ma tistax taccetta illi fejn ikun jirrizulta illi ingibdu kambjali fuq il-konvenut

[6] Deciza 5 ta' Ottubru 2010.

ghall-hlas tal-bilanc tal-prezz, il-preskrizzjoni tal-azzjoni tista' tkun dik eccepita mill-konvenut taht l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16.

Ghandu jinghad ukoll in konkluzjoni illi meta din il-Qorti tqis in-natura tal-vendita *de quo* u tqis ukoll il-gurisprudenza pacifika in materja ta' dak li jikkostitwixxi bejgh bl-imnut[7] ghall-finijiet tal-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16, taht l-ebda cirkostanza ma jirrizultalha li dak in kwistjoni kien bejgh, ahseb u ara bejgh bl-imnut mehtieg biex tista' tigi invokata l-preskrizzjoni skond l-imsemmi Artikolu.

Ikkunsidrat ukoll;

Illi l-Qorti fis-sentenza fuq citata **Cremona vs Farrugia**, kienet anke waslet biex tikkonkludi li f'kaz ta' bejgh b'rizerva tad-dominju tal-oggett favur il-venditur, fejn il-bejgh ikun ghadu ma sehhx minhabba nuqqas ta' hlas tal-prezz shih, il-kompratur huwa prekluz milli jeccepixxi l-preskrizzjoni proprju ghaliex ma jkunx ghadu hallas il-prezz shih. Dan l-insenjament gie mhaddan u estiz anke f'sentenzi iktar recenti tal-qrati, fosthom mill-Qorti tal-Appell[8] li fissret hekk:-

*"L-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva tipprezumi hlas [ara sentenza tal-Prim'Awla fil-kawza* ***Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi*** *deciza mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-25 ta' Frar 1920 (Vol. XXIV.i.373)2], cjoe' l-estinzjoni tal-obbligazzjoni.*

*… … …*

*Fil-fehma tal-qorti b'dan il-kliem l-appellat ikkonferma li* **ma hallasx il-kera**. *Fis-sentenza* ***Vincenzo Chircop vs Simeone Azzopardi*** *(25 ta' Frar, 1920, Volum XXIV.i.373), intqal:- 'che il convenuto …. ha confessato di non aver pagato fitto …. e quindi avendo confessato di non aver pagato, egli e' precluso dal poter*

[7] Appell Civili deciz 29 ta' Novembru 2013: **Geranzio Azzopardi vs Carmelo Bezzina et**; **Vella Bros Ready-Mix Limited vs John Vella**, deciza 17 ta' Jannar 2012 mill-Qorti tal-Magistrati, Ghawdex (Gurisdizzjoni Superjuri), fost ohrajn.

[8] Sede Inferjuri: **Burmarrad Commercials Limited vs Claude Camilleri**, deciza 29 ta' Lulju 2016.

*eccepire la prescrizione quinquennale che egli oppone, la quale e' prescrizione presuntiva di pagamento ed e' inconciliabile colla confessione di non aver pagato…'*

*… … …*

*<u>Id-dikjarazzjoni tal-appellant li ma hallasx, m'hijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni estintiva</u> kontemplata fl-Artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 tal-Kodici Civili li jipprezumu l-hlas. Dak li japplika fil-kaz fejn id-debitur jinghata l-gurament (Artikolu 2160 tal-Kodici Civili), il-qorti ma tarax ghalfejn m'ghandux japplika wkoll fejn id-debitur jixhed minn jeddu.*

*L-ghoti ta' raguni ghalfejn ma sarx il-hlas, mhuwiex rilevanti. Fis-sentenza* **Zammit and Cachia Trading Co. Ltd et vs Mizzi***, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Dicembru 2005, intqal:*

*""Il-konvenut ex confessis jammetti li huwa ma hallasx u offra l-ispjegazzjoni tieghu ghal dan in-nuqqas ta' pagament, allavolja ma ntalbet ebda raguni minghandu dwar dan. Biex wiehed jissellef mis-sentenza fl-ismijiet "***Dr. Toni Abela nomine - vs - Maurice Vassallo***", Appell, 19 ta' Mejju 2000, "li kieku l-konvenut xehed li m'ghandux jaghti flus lill-attur nomine u lanqas jiftakar li ghandu jaghtih, u waqaf hemm bla htiega ta' spjegazzjoni ulterjuri, allura l-eccezzjoni tieghu kienet certament tregi imma hawn si tratta ta' persuna li qeghda tistqarr bic-car bil-gurament taghha li ma hallsitx. Kwindi lanqas hu kaz li l-konvenut 'ma jiftakarx' li ghandu jaghti xi haga ghax hu jiftakar li ma hallas qatt".*

Mill-premess, jirrizulta manifest illi l-qrati taghna ilhom konsistentement iqisu illi l-azzjoni tal-kreditur ma tibqax opponibbli bl-eccezzjoni tal-preskrizzjoni, jekk id-debitur, billi jassumi certu linja ta' difiza, ipoggi ruhu fi stat ta' fatt li jirrendi inkompatibbli l-pozizzjoni guridika tieghu mal-presupposti tal-istitut tal-preskrizzjoni.

Issa f'dan il-kaz, il-konvenut oppona ghall-azzjoni attrici unikament billi eccepixxa l-preskrizzjoni, izda sussegwentement fit-testimonjanza tieghu in sostenn ta' din l-eccezzjoni, stqarr illi huwa ma hallasx il-bilanc tal-prezz mitlub mill-attur u fisser ulterjorment ir-raguni ghaliex ma hallas, billi spjega illi l-vettura mibjugha fiha difetti ta' entita` tali li ma setax jaghmel uzu minnha.

Ghamilha wkoll car waqt ix-xhieda tieghu f'din il-kawza illi huwa kien gharraf lill-attur illi sakemm ma jsiru t-tsiwijiet kollha mehtiega biex jissewwew dawn id-difetti riskontrati, ma kienx sejjer ikompli jhallas il-bilanc.

Effettivament, fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2018, il-konvenut xehed hekk:-

*"Fil-fatt, kont gharraftu illi qabel ma effettivament isewwiha sew ma kontx ha nkompli bil-pagamenti."*

Meta rega' xehed minn jeddu fl-udjenza tad-29 ta' Novembru 2018, rega' ghamel l-istess dikjarazzjoni[9] u fost ohrajn qal:-

"*Issa, jiena meta waqaft inhallas, waqaft nuza l-karozza.*"

In kontro-ezami qal:-

*"*Dr. David Camilleri: *"Jigifieri inti kont ghidt lis-Sur Bianco: "Mhux se nhallsek sakemm tarrangali dawn il-hsarat".*
Jeremy James Camilleri*: "Iva"*

Din il-linja difensjonali, fil-fehma tal-Qorti, mhijiex kompatibbli mal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghaliex huwa evidenti li l-konvenut qieghed jistqarr li ma hallasx il-bilanc tal-prezz pretiz mill-attur f'din il-kawza u qieghed ifisser ghaliex ma jridx ihallas. Ma jistax ghalhekk, fl-istess nifs, isostni li l-azzjoni hija preskritta.

Ikkunsidrat ulterjorment;

Maghdud dan, huwa manifest ukoll illi anke kieku kellu jigi ammess illi f'dan il-kaz hija applikabbli l-preskrizzjoni eccepita taht l-Artikolu 2148(b) tal-Kap. 16,

[9] Ara fol. 72.

il-Qorti xorta wahda tqis illi l-konvenut ma tax effett lill-preskrizzjoni minnu eccepita. Dan ghaliex bhala l-eccipjent tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz, huwa ovvju li l-konvenut ma segwiex l-procedura rikjesta *ad validitatem* mill-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili. Dan l-Artikolu jistipola illi:-

*(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*

Il-Qorti tosserva illi l-imsemmi l-Artikolu 2160 kif emendat bis-sahha tal-emendi introdotti bl-Att I tal-2017 u immedjatament wara, bl-Att VIII tal-2017, kien diga` fis-sehh fil-forma korrenti tieghu fiz-zmien li giet intavolata l-azzjoni odjerna fl-4 ta' Settembru 2017, u kwindi l-emendi jolqtu l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut f'dawn il-proceduri.

Konsegwentement, din il-Qorti trid tara, jekk fid-dawl tal-imsemmija emendi recenti ghall-Artikolu 2160 tal-Kodici Civili, il-konvenut issodisfax il-vot tal-ligi biex jista' jibbenefika mill-preskrizzjoni qasira minnu eccepita. Dan ghaliex bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 li giet fis-sehh fit-13 ta' Jannar 2017, is-sitwazzjoni llum hi li galadarba eccepita l-preskrizzjoni partikolari msemmija fl-Artikolu 2160, il-konvenut ghandu minn jeddu jghid bil-gurament waqt il-kawza, li ma jafx li hu debitur. Fi kliem iehor, il-legislatur impona fuq il-konvenut innifsu l-obbligu li jiehu l-gurament, billi nehha minn fuq spallejn l-attur l-obbligu li jaghti huwa stess lill-konvenut il-gurament decizorju, b'dan illi fin-nuqqas li l-konvenut jixhed minn jeddu li mhux debitur, ma jkunx jista' jiehu beneficcju minn din il-preskrizzjoni qasira.

Ikkunsidrat;

Issa f'dan il-kaz il-konvenut xehed minn jeddu b'mod dettaljat f'zewg okkazzjonijiet, fl-udjenza tal-15 ta' Jannar 2018 u fid-29 ta' Novembru 2018,

izda huwa evidenti ebda wahda mid-dikjarazzjonijiet maghmula mill-konvenut matul id-deposizzjoni tieghu, ma tinkwadra ruhha fil-formula rikjesta taht l-Artikolu 2160(1). Dan l-Artikolu jiddisponi illi min irid jipprevalixxi ruhu mill-preskrizzjoni brevi taht *inter alia*, l-Artikolu 2148, ghandu (i) jixhed minn jeddu u (ii) jaghti l-gurament waqt il-kawza li ma hux debitur[10]. Fis-sentenza recenti moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fejn gie trattat l-import tal-emendi li saru fl-Artikolu 2160[11], gie ritenut illi l-eccezzjoni tal-preskrizzjonijiet brevi msemmija fl-istess Artikolu 2160 ma jirnexxux semplicement ghaliex ikun ghadda t-terminu tal-preskrizzjoni relattiv, ghaliex dan it-terminu:-

*"... huwa biss wiehed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiza. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-iehor kumulattiv ta' natura procedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodici Civili."*

Minkejja t-tibdil fit-test tal-imsemmi Artikolu 2160 kif fuq inghad, l-osservanza tal-forma tal-gurament baqghet tassattiva, fis-sens li ma huwa permess ebda varjazzjoni minn din il-forma ghall-fini tas-siwi tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Certament mhux bizzejjed li d-debitur jghid biss li ghadda hafna zmien u ma rceviex interpellazzjoni ufficjali minghand il-kreditur. Oltre dan, kif diga` stabbilit, anke kieku l-konvenut iddikjara li mhuwiex debitur, din id-dikjarazzjoni tkun inkompatibbli mal-linja difensjonali li huwa addotta f'din il-kawza meta jistqarr li huwa ma hallasx ghaliex irid li l-attur l-ewwel isewwilu d-difetti fil-karozza.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi b'applikazzjoni tar-rekwiziti tal-Artikolu 2160 ghall-kaz tal-lum, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni brevi taht l-Artikolu 2148(b) ma nghatatx effett mill-konvenut u ghalhekk m'ghandhiex l-effikacja mehtiega skont il-ligi biex din il-Qorti tiehu konjizzjoni taghha.

---

[10] Ma jistax jghid lanqas li huwa *ma jiftakarx jekk hallasx jew le* ghaliex gie ritenut li din il-formola tapplika biss ghall-eredi tad-debitur – vide sentenza fl-ismijiet **Vincenzo Cauchi vs Giovanni Scerri**, deciza mill-Qorti tal-Kummerc, 28 ta' Ottubru 1955.

[11] **P&S Limited et vs Noel Zammit et**, deciza fis-16 ta' Frar 2018.

Il-Qorti ghal dawn ir-ragunijiet kollha fuq kunsidrati, qieghda tqis bhala mhux siewja l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u qieghda ghalhekk tichadha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut a tenur tal-Artikolu 2148(b), tordna l-prosegwiment tal-kawza.

L-ispejjez ta' dan l-episodju jhallashom il-konvenut.

**Dr. Rachel Montebello**
**Magistrat**

**Graziella Attard**
**Deputat Registratur**